MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 8/2023 LM

**Mark Laferla Jr**
*('ir-ritrattand')*

***vs***

**L-Awtorità tal-Ippjanar**
**u l-kjamat in kawża MGF Limited (Attn: Matthew Farrugia)**
*('ir-ritrattati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Din hija talba għal ritrattazzjoni li saret mir-rikorrent **Mark Laferla Jr (K.I. nru. 392589M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-ritrattand'], fir-rigward tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2023 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kif diversament preseduta, [minn issa 'l quddiem 'il-Qorti tal-Appell'], li ddeċidiet l-appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar [minn

issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] tal-31 ta’ Jannar 2023 rigward PA857/21 *’Demolition of existing house to construct three apartments, one duplex unit and a basement garage’* f’San Ġwann, kif ġej:

> *“Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta’ Mark Laferla u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta’ Jannar, 2023. Spejjeż għall-appellant.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien appella kontra l-ħruġ tal-permess numru PA857/21 li nħareġ favur **MGF Limited (Matthew Farrugia)** [minn issa ’il quddiem ‘is-soċjetà ritrattata’] fir-rigward tal-applikazzjoni ‘*demolition of existing house to construct three apartments, one duplex unit and a basement garage’* fil-fond li jinsab fin-numru 73, Lola, Triq l-Adrijatiku, San Ġwann. Fl-appell tiegħu ir-rikorrent saħaq li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar li ttieħdet fit-3 ta’ Settembru, 2021 ma segwietx il-provvedimetni tal-liġi, ir-regolamenti, u l-*policies* sussidjarji. Ir-rikorrent argumenta li s-sit li fuqu huwa maħsub li jsir dan l-iżvilupp jinsab f’żona allokata għall-iżvilupp ta’ tliet sulari u ieħor addizzjonali, u jinsab imdawwar b’żona residenzjali allokata għal residenzi *fully detached* jew *semi-detached.* Qal li l-viżjoni tal-pjan lokali kienet li toħloq tranżizzjoni bejn dawn iż-żewġ żoni differenti, u l-approvazzjoni tal-permess ser iwassal għal rovina oħra fis-suq residenzjali. Ir-rikorrent qal li l-intimata **Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa ’il quddiem ‘l-Awtorità ritrattata’] approvat permess li ser iwassal għal *pencil development,* u dan bl-ebda mod ma jikkumplimenta l-bqija taż-żona. Qal ukoll li fil-passat l-Awtorità rrifjutat żvilupp li ma kienx jaqbel fil-

kuntest tal-bini eżistenti. Qal ukoll li ladarba s-sit huwa *restricted,* l-iżvilupp ma jinkludix *backyard,* u ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fuq kemm irid ikun hemm appartamenti b'kamra tas-sodda waħda. L-Awtorità intimata min-naħa tagħha ħadet il-pożizzjoni li s-sit jinsab f'żona fejn huwa permess bini fuq erba' sulari u ieħor addizzjonali fil-livell tal-bejt, skont in-*North Harbour Local Plan*, u s-sit in kwisjtoni jaqa' f'żona residenzjali li tippermetti għoli massimu ta' tliet sulari *b'semi-basement*. Qalet ukoll li ladarba s-sit huwa *restricted* skont il-*Policy P 32,* m'hemmx limitu fuq in-numru ta' appartamenti b'kamra tas-sodda waħda. Qalet ukoll li ser ikun hemm kontribut permezz tal-UIF sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' parkeġġ fil-garaxx, u dan mhuwiex żvilupp iżolat għaliex kien hemm każijiet oħra li ġew approvati mill-Awtorità intimata fiż-żona.

Bid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal ċaħad l-appell intavolat mir-rikorrent, u kkonferma l-permess kif maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar PA857/2021.

3. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell intavolat quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex skont hu, dan għamel interpretazzjoni legalment skorretta tal-artikolu 3 u 11 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-konsegwenza li dan naqas milli jeżerċita l-pjena kompetenza konferita lilu mil-liġi meta ċaħad ir-raba' aggravju tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-iskop ewlieni tat-twaqqif tat-Tribunal kien sabiex dan jissindaka d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar li dwarhom ikun sar l-appell, u qal t-Tribunal donnu għażel li jagħti interpretazzjoni restrittiva ferm tal-poteri li ġew konferiti lilu bl-artikolu 3 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qal li t-Tribunal żvija lilu nnifsu meta kkunsidra r-raba' aggravju għaliex b'hekk it-Tribunal naqas milli

jeżerċita obbligu li huwa stess irrikonoxxa li għandu fid-deċiżjoni appellata, jiġifieri l-obbligu li jirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn u kif trid il-liġi. Ir-rikorrent qal li kemm it-Tribunal, kif ukoll din il-Qorti, għandhom is-setgħa li jiddeċiedu li l-Awtorità tal-Ippjanar messha ma kkunsidratx *policy* partikolari li ma kinitx validament fis-seħħ, u kellha minflok tapplika *policy,* pjan jew liġi differenti għall-applikazzjoni għal żvilupp in kwistjoni. Ir-rikorrent qal li l-artikolu 2 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li l-kelma '*policy*', tfisser *'il-policy approvata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att'*, u din it-tifsira tagħti piż lill-argument tiegħu. Żied jgħid li din l-istess definizzjoni ġiet riprodotta fil-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaħseb għal proċess ta' interazzjoni bejn il-Ministru u l-organi tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' *policies.* Qal li l-Kap. 504 fis-sena 2015 kien jgħid espressament illi "*no plan or policy or amendment thereto shall have effect unless it is approved in accordance with the provisions of this Act",* kif ukoll li "*on such approval by the Minister, the Executive Council shall publish the approved subsidiary plan or policy".* Ir-rikorrent qal li għalhekk il-leġislatur ried li sabiex *policy* titqies bħala tali, din kellha tiġi approvata skont dak maħsub – sa dak iż-żmien – fil-Kap. 504, u l-proċess tat-tfassil tagħha kellu jimxi skont kif stabbilit f'dak l-Att, bil-parteċipazzjoni, bl-interazzjoni u bit-tmexxija kruċjali tal-Ministru responsabbli għall-Ambjent, u ta' ħadd aktar. Ir-rikorrent qal li ladarba l-Kap. 504 jistipula li *policy* bħad-DC 15, tiġi fis-seħħ u titqies li hija valida biss wara li jseħħ proċess li neċessarjament jirrikjedi l-parteċipazzjoni, l-interazzjoni u t-tmexxija tal- Ministru, dan ifisser li kemm-il darba l-parteċipazzjoni, l-interazzjoni u t-tmexxija tat-tfassil ta' *policy* tiġi fdata f'idejn persuna oħra, dik il-*policy* mhijiex waħda validament kostitwita għall-fini tal-Kap. 504, u għalhekk

ma tistax titqies bħala *policy* viġenti. Ir-rikorrent qal ukoll li l-istħarriġ ta' applikazzjoni abbażi ta' *policy* li ma tirrispettax id-dettami tal-liġi, kemm fil-promulgazzjoni u anki fil-pubblikazzjoni tagħha, tikkulmina fi vjolazzjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq tal-individwu. Kompla jgħid li huwa kellu l-aspettattiva leġittima li ladarba l-liġi tiddetta kif għandha tiġi mfassla *policy* u min għandu japprovaha, ladarba l-*policy* in kwistjoni ma ġietx approvata kif trid il-liġi, it-Tribunal kellu jiskartaha. Qal li huwa ma setax jippresupponi li t-Tribunal kien ser jiddeċiedi l-oġġezzjoni tiegħu abbażi ta' *policy* li m'għadhiex fis-seħħ, u għalhekk kien hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jipproteġi d-dritt ta' smigħ xieraq u l-aċċess effettiv għall-Qorti.

4. Ir-rikorrent spjega li t-Tribunal stess jgħid li l-kwistjoni dwar kif u min kellu japprova l-*policy ai termini* tal-liġi, hija waħda ta' natura proċedurali, u dan ifisser li l-materja in diżamina hija waħda ta' ordni pubbliku li trid tiġi osservata *ad unguem.* Qal li huwa kompitu tal-Kummissjoni tal-Ippjanar u tat-Tribunal warajh, li jqisu jekk skont il-liġi viġenti, setgħux jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tad-DC15, u din mhijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma talab lit-Tribunal jiddetermina l-validità *o meno* tal-*policy* de quo, imma talab lit-Tribunal jiddeċiedi jekk l-Awtorità tal-Ippjanar kellhiex tistrieħ fuq *policy* li ma tikkwalifikax bħala tali, u kellha minflok tistrieħ fuq il-pjan lokali applikabbli fid-determinazzjoni tal-għoli massimu tal-iżvilupp propost skont il-ġerarkija kkontemplata fl-artikolu 72(1)(2) tal-Kap. 552.

5. Ir-rikorrent żied jgħid li t-Tribunal kellu d-dover jistħarreġ id-deċiżjoni tal-Awtorità, inkluż jekk tali deċiżjoni hijiex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet korretti,

u fuq liġijiet li l-Awtorità setgħet jew kellha u tapplika. Qal li ladarba l-liġijiet tal-ippjanar infushom jitkellmu ċar dwar x'jikkostitwixxi '*policy*', it-Tribunal ma kellu ebda ħtieġa, fl-ebda mument, li jagħmel xi eżerċizzju profond sabiex jistabbilixxi jekk id-DC15 tikkwalifikax bħala *policy* valida jew le, għaliex dan jista' jiġi deżunt mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 504. Ir-rikorrent qal li l-interpretazzjoni żbaljata li ta t-Tribunal, wasslet sabiex jiġi mminat l-iskop reviżorju li għalih it-Tribunal ġie stabbilit, u d-*Development Control Design Policy Guidance and Standards* mhux biss huma invalidi għaliex ma sarux kif trid il-liġi, iżda anke kieku dawn saru kif trid il-liġi, dawn lanqas daħlu fis-seħħ kif trid il-liġi, u għalhekk ma jistgħux jiġu applikati. Ir-rikorrent irrefera wkoll għall-fatt li t-Tribunal ikkwota miċ-ċirkolari tal-Awtorità tal-Ippjanar 5/15, li tat effett għad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija DC15. Ir-rikorrent qal li dan ma jinnewtralizzax jew jissana l-mankanzi msemmija minnu, u dawn il-mankanzi ma ġewx negati mit-Tribunal għaliex dan lanqas biss ikkunsidrahom. Qal li għalhekk huwa ma jistax jifhem kif it-Tribunal, wara li qal li m'għandux il-kompetenza neċessarja sabiex jiddeċiedi dwar ir-raba' aggravju tiegħu, għadda sabiex skarta l-fatti kif sollevati, u iddeċieda dwar il-validità tad-DC15 abbażi ta' sempliċi ċirkolari. Ir-rikorrent irrefera wkoll għall-*actio popolaris* pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (573/2022) fl-ismijiet **Din l-Art Ħelwa et *vs.* il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar et**), fejn l-għaqdiet rikorrenti f'dik il-kawża, talbu li l-Policy 35 u l-Annex II tal-imsemmija DC15, jiġu dikjarati invalidi, *inter alia* għaliex dawn ma ġewx ippromulgati kif titlob il-liġi.

6. L-Awtorità intimata wieġbet billi qalet li hemm differenza kbira bejn l-eżerċizzju ta' applikazzjoni ta' liġijiet u l-konsiderazzjoni dwar liema huma l-*policies* u liġijiet applikabbli, u l-eżerċizzju li r-rikorrent jippretendi li t-Tribunal

kellu jagħmel fis-sens li jara l-proċess leġislattiv li wassal għad-dħul fis-seħħ tad-DC15, u jikkunsidra jekk din hijiex valida wara li jikkunsidra r-rwoli rispettivi tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari għall-finijiet eżekuttivi. L-Awtorità intimata qalet li t-Tribunal huwa tenut iħares lejn iċ-ċirkostanzi tal-applikazzjoni, u jiddeċiedi liema hija l-*policy* applikabbli u l-kuntest tagħha, iżda ma jfissirx li t-Tribunal irid jidħol fil-legaliżmi tal-validità legali tal-*policy* u jekk il-proċess leġislattiv sarx kif suppost. Qalet li t-Tribunal mhuwiex mistenni li jagħmel dan, u lanqas m'għandu l-għodda meħtieġa biex jagħmel dan. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li t-Tribunal ikun żbaljat jekk jaqbad u jwarrab id-DC15 għaliex ikun jidhirlu li din ma ġietx magħmula u ma daħlitx fis-seħħ bil-proċedura korretta skont il-liġi. Qalet ukoll li huwa kemmxejn ironiku li r-rikorrent, fl-istess waqt li jisħaq li kellu jkun it-Tribunal li jiddeċiedi dwar il-validità o meno tad-DC15, fl-istess ħin jittenta jsaħħaħ l-argument tiegħu billi jagħmel riferiment għal kawża quddiem il-Qorti fejn fost l-oħrajn qiegħda tintalab dikjarazzjoni fir-rigward tal-invalidità tad-DC15.

7. Is-soċjetà intimata MGF Limited qalet li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza jiddikjara jekk id-DC15 hijiex valida jew le. Qalet li t-Tribunal twaqqaf sabiex iħares lejn iċ-ċirkostanzi tal-applikazzjoni, u jiddeċiedi liema hija l-*policy* applikabbli, u kif din trid tiġi applikata u interpretata skont il-kliem u l-kuntest tal-istess *policy,* u l-għanijiet u l-funzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar. Qalet li t-Tribunal ma setax jiddikjara l-invalidità tad-DC15, u lanqas seta' jinjora d-DC15, li sal-lum hija meqjusa valida skont il-liġi, u għalhekk it-Tribunal wettaq id-dmirijiet tiegħu skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (il-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell**

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2023, din il-Qorti diversament preseduta, iddeċidiet li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*It-Tribunal jgħid hekk fuq dan l-aggravju*

*Ir-Raba' Aggravju*

Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-validità tal-Development Control Design Policy Guidance and Standards 2015. Fis-sottomissjonijiet finali, l-appellant jagħmel referenza għal kwistjoni proċedurali fir-rigward tal-approvazzjoni tad-DC15 fejn ġie allegat illi DC15 mhux biss huwa invalidu iżda għadu mhux fis-seħħ. Dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikolu 3 tal-Kap. 551 tal-Liġi ta' Malta illi jittratta l-għanijiet tat-Tribunal:

Għandu jitwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, Tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, **sabiex jirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar** u d-deċiżjonijiet tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, li jiġu referuti lilu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u sabiex jeżerċita kull ġurisdizzjoni oħra u funzjoni mogħtija lit-Tribunal b'dan jew taħt dan l-Att jew b'xi jew taħt xi liġi oħra, sew jekk qabel kif ukoll wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att. [enfasi miżjuda]

Huwa ampjament ċar illi l-għan tat-Tribunal skont l-artikolu 3 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi jirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u mhux il-kompetenza tiegħu illi jidħol fi kwistjonijiet proċedurali dwar kif u min kellu japprova l-policy ai termini tal-liġi. L-appellant jinsisti illi l-approvazzjoni tal-policy DC 15 saret "mingħajr il-parteċipazzjoni, interazzjoni u tmexxija tal-Ministru". Huwa jisħaq illi skont il-Kap. 504 tal-Liġi ta' Malta, il-Ministru, li jagħmel referenza għalih l-istess Att, "illi kellu jagħmel ħwejjeġ kollha maħsuba skont l-istess Liġi fir-rigward tal-Linji Gwida DC15" kien appuntu l-Ministru tal-Ambjent, l-Onor. Leo Brincat. Hu jisħaq illi madanakollu kien is-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Michael Falzon fi ħdan il-Ministeru tal-Prim'Ministru, li dak iż-żmien kellu r-responsabbilità tal-Malta Environment and Planning Authority (MEPA), "li għamel kollox illi kien meħtieġ illi jsir minnn Ministru fir-

rigward tal-imsemmi DC15." It-Tribunal jirrileva illi li l-lanjanzi illi qed jitressqu mill-appellanti f'dan l-aggravju jmorru lil hinn mill-poteri konferiti fuq dan l-istess Tribunal permezz tal-artikoli 3 u 11 tal-Kap. 551 u għaldaqstant iqis li tali aggravju ma jistax jiġi mistħarreġ minn dan it-Tribunal.

In oltre dan it-Tribunal jirreferi wkoll għaċ-Ċirkolari tal-Awtorità tal-Ippjanar 5/15, liema Ċirkolari tipprovdi s-segwenti:

**DC15 will come into force on Monday 16 November 2015.** All applications validated from this date onwards will be processed in line with the new policy.

Għaldaqstant fid-dawl illi l-applikazzjoni ġiet sottomessa wara din id-data japplikaw il-policies tal-Linji Gwida DC15. Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida DC15 hija ċara u pubblika u għaldaqstant l-argument imressaq mill-appellant qed jiġi respint. In vista tas-suespost, dan it-Tribunal qed jiċħad ir-raba' aggravju mressaq mill-appellant.

*Din il-Qorti ma tqisx illi l-aggravju tal-appellant jista' jiġi kunsidrat minn din il-Qorti. Effettivament dak li qed jitlob l-appellant hu illi t-Tribunal kellu s-setgħa li jiddeċiedi fuq il-validità u effetti ta'* policy *li skont l-istess appellant ma kellhiex is-saħħa u validità legali neċessarja biex ikolha effett u tiġi applikata għall-iżvilupp propost. Il-Qorti tqis li s-setgħa tat-Tribunal hu marbut ma' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorità skont il-liġijiet, pjanijiet u* policies *rilevanti. Il-*policy DC2015 *daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru, 2015 u għalhekk it-Tribunal kien marbut li jikkunsidra ilment relatat ma' tali policy kif inhi fis-seħħ. Ma għandu ebda setgħa li jirrevedi mhux id-deċiżjoni iżda l-validità tal-istess* policy. *Hi l-fehma tal-Qorti li tali allegazzjoni tista' tiġi determinata biss b'azzjoni* ad hoc *kontra l-Istat* ai termini *tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni billi* policy *għandha saħħa ta' leġislazzjoni fl-ambitu tal-liġi tal-ippjanar. Tant hu hekk illi l-artikolu 11 tal-Kap. 551 jagħti s-setgħa ta' appell lit-terz fuq kwalunkwe raġuni relatat mal-fatti jew liġi in vigore fil-mument tad-deċiżjoni. Il-kliem* 'żball ta' liġi' *imsemmija f'artikolu 11 tal-Kap. 552 li ġew enfasizzati mill-appellant huma intiżi għal żball ta' applikazzjoni ta' liġi flok oħra applikabbli għal każ jew interpretazzjoni assurda u/jew li tmur kontra l-kelma espressa tal-liġi u mhux fejn qed tiġi attakkata l-validità ta' liġi għal kwalsiasi raġuni inkluż nuqqas ta' formalità proċedurali rikjesta għad-dħul fis-seħħ tagħha.*

*Għalhekk l-aggravju jfalli fil-prinċipju u ma hemmx bżonn li jiġi kunsidrat il-mertu tal-allegat nuqqas fil-validità tal-istess policy."*

**<u>It-Talba għal Ritrattazzjoni</u>**

9. Ir-ritrattand ressaq talba għal ritrattazzjoni permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2023, fejn talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2023 minn din il-Qorti kif diversament preseduta, *ai termini* tal-artikolu 811(e), (i) u (l) tal-Kap. 12, billi sostna li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex isir dan. Ir-ritrattand qal li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija milquta minn applikazzjoni żbaljata tal-liġi, ta' fatt u ta' dritt, u fiha dispożizzjonijiet konfliġġenti, u għalhekk hemm lok għal stħarriġ mill-ġdid taħt l-artikolu 811(e), (i) u (l) tal-Kap. 12. Ir-ritrattand qal li fir-rikors tal-appell tiegħu, huwa qal li l-funzjoni primarja tat-Tribunal hija proprju li jistħarreġ id-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, skont l-artikolu 3 tal-Kap. 551. Spjega li huwa saħaq ukoll li dan l-istħarriġ seta' jew kellu jestendi għal eżami akkurat dwar liema *policies,* regolamenti jew liġijiet kellhom jiġu applikati mill-Awtorità tal-Ippjanar, u sabiex it-Tribunal ikun jista' jagħraf liema *policies* kellhom jiġu applikati, it-Tribunal kellu jirreferi għall-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, li joħloq u jirregola l-mansjonijiet u l-parametri li fihom trid topera l-Awtorità tal-Ippjanar. Qal ukoll li l-istħarriġ li għandu jagħmel it-Tribunal jista' jsir anke fuq żball ta' liġi, u dan kif jirriżulta mill-artikolu 11 tal-Kap. 551. Ir-ritrattand qal li dak li jagħmel *policy* viġenti tiddettah il-liġi stess, u dak li trid il-liġi fir-rigward xejn m'hu ċar. Spjega li jekk tiġġebbed it-tifsira ta' *'policy'* taħt il-Kap. 552, sabiex tingħata interpretazzjoni aktar wiesgħa biex tinkludi *policies* li ma jiġux ippromulgati kif tiddetta l-liġi, ikun ifisser li l-Awtorità tal-Ippjanar tista' ġġib fis-seħħ *'poliċies'* bil-ħruġ ta' sempliċi ċirkolari u mingħajr skrutinju tal-proċess li l-liġi taħseb għalih. Ir-ritrattand qal li huwa għalhekk li saħaq li l-Awtorità tal-Ippjanar

applikat il-*policy* DC15 meta suppost suppost li applikat il-*local plans* u l-*policy* DC07, għaliex il-*policy* DC15 ma kinitx approvata skont l-Att prinċipali. Ir-ritrattand qal li huwa qiegħed jinvoka l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, għaliex jidher li fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Appell naqset milli tikkunsidra u tapplika kemm l-artikolu 9(f) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, u anki l-artikolu 2 tal-Kap. 552.

10. Ir-ritrattand qal li l-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda bażi legali għall-asserzjoni tagħha li *"ma tqisx li l-aggravju tal-appellant jista' jiġi kunsidrat minn din il-Qorti".* Qal li l-Qorti tal-Appell jidher li bbażat ruħha fuq il-fatt li skont hi, lanqas it-Tribunal ma kellu s-setgħa li jikkunsidra l-aggravju tiegħu, u dan abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 11 tal-Kap. 551, li fis-sub-inċiż (3) jgħid li:

> "Appell lit-Tribunal jista' jiġi ppreżentat fuq kwalunkwe raġuni inkluż: (a) li sar żball materjali dwar il-fatti; (b) li kien hemm żball proċedurali materjali; (ċ) li sar żball ta' liġi."

Qal li dan l-artikolu juri li appell lit-Tribunal seta' jsir għal kwalunkwe raġuni, u l-Qorti tal-Appell naqset milli tikkunsidra li la l-esponent kien qiegħed isostni li l-*policy* DC15 ma kellhiex tapplika, huwa minn ewl id-dinja li l-argument tiegħu kien li kellha tiġi applikata *policy* jew liġi jew pjan ieħor, li kien fil-fatt applikabbli fiċ-ċirkostanzi. Qal ukoll li l-Qorti tal-Appell naqset milli tikkunsidra u tapplika l-artikolu 9(f) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien iwassalha sabiex tiddeduċi li t-Tribunal kellu *'jeżamina kull kwistjoni ta' fatt u ta' dritt rilevanti għall-appell ippreżentata mill-partijiet skont il-liġi applikabbli.'* Qal li dan ifisser li jekk huwa ilmenta quddiem it-Tribunal li l-Awtorità tal-Ippjanar applikat *policy* li ma kellhiex tapplika, minflok straħet kif kellha tagħmel, fuq pjanijiet lokali u l-*policy*

DC07, dan ifisser li t-Tribunal kellu jeżamina kull punt ta' dritt tkun xi tkun ir-raġuni wara tali asserzjoni. Qal li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu wassal sabiex il-Qorti tal-Appell injorat għal kollox it-tifsira mogħtija lill-kelma '*policy*' fl-artikolu 2 tal-Kap. 552, u dan billi l-Qorti b'mod żbaljat ma kkunsidratx l-aggravju tiegħu fil-mertu.

11. Ir-ritrattand spjega li t-talba tiegħu għal ritrattazzjoni hija msejsa fuq il-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2023, naqset milli tapplika t-tifsira ta' *policy* taħt l-artikolu 2 tal-Kap. 552, u naqset milli tapplika l-artikolu 9(f) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-ritrattand għamel riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell li l-għan tat-Tribunal skont l-artikolu 3 tal-Kap. 551 huwa li jirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, u mhijiex il-kompetenza tiegħu li jidħol fi kwistjonijiet proċedurali dwar kif u min kellu japprova l-*policy ai termini* tal-liġi. Qal li apparti li huwa ma jaqbilx ma' dan, għaliex il-konklużjoni tal-Qorti hija mġebbda u żbaljata stante li ma tirrispekkjax l-artikolu 3 u 11 tal-Kap. 551, dan ir-raġunament jonqos milli japplika u jinjora kompletament it-tifsira mogħtija mil-liġi stess għall-kelma '*policy*'. Ir-ritrattand saħaq li l-Qorti tal-Appell għamlet analiżi superfiċjali ferm tal-argumenti mressqa minnu, u qal li min-naħa tiegħu huwa qiegħed jargumenta li t-Tribunal kellu bilfors jikkunsidra jekk il-*policies* invokati mill-Awtorità ritrattata fil-każ in diżamina setgħux, qabel xejn, jiġu invokati, għaliex jekk dan kien il-każ, kien hemm *policies* u pjanijiet oħra li setgħu jiġu applikati minflok. Qal li biex isir dan, it-Tribunal kellu jistabbilixxi jekk tali *policies* jikkwalifikawx bħala tali skont it-tifsira ta' *policy* mogħtija taħt il-Kap. 552. Ir-ritrattand qal li, jekk wieħed kellu jagħsar il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell, isib li skont hi, it-Tribunal

m'għandux il-fakoltà jidħol fil-kwistjoni dwar jekk *policy* hijiex waħda li tinkwadra fit-tifsira ta' *policy* fil-Kap. 552, u dan għaliex it-Tribunal kellu jeżamina jekk il-*policy* hijiex waħda viġenti, u biex jagħmel hekk kellu jidħol fil-proċess li permezz tiegħu ġiet introdotta l-imsemmija *policy.* Qal li skont il-Qorti tal-Appell, it-Tribunal ma jistax jagħmel dan, minkejja li tali eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-poteri tat-Tribunal ma tirriżulta minn imkien, u pjuttost l-artikolu 2 tal-Kap. 552 u l-artikoli 9(f) u 11 tal-Kap. 551 jimplikaw il-kuntrarju. Qal li bir-raġunament tal-Qorti tal-Appell, kemm-il darba jitqies li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jikkunsidra jekk l-Awtorità ritrattata setgħetx tinvoka *policy,* dan ikun ifisser li l-Awtorità hija libera li tivvinta *policies* u liġijiet li huma applikabbli, għaliex kull ma tkun trid tagħmel l-Awtorità ritrattata huwa li tippubblika ċirkolari biex tidħol fis-seħħ *policy* jew regolament li jogħġbu lilha, lil hinn mill-proċeduri appożiti maħsuba fil-liġi, u li tkompli tapplika tali *policies* jew regolamenti sakemm dawn jiġu attakkati minn terz permezz tal-proċedura taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minkejja li skont il-Kap. 552, tali *policy* qatt ma tkun validament ġiet fis-seħħ. Qal li dan mhux konformi mad-dettami u mal-ispirtu tal-Kap. 552, għaliex huwa proprju fejn l-Awtorità ritrattata tieħu deċiżjonijiet li ma jaqgħux entro l-parametri tal-liġi li tirregolaha, li għandha tidħol il-funzjoni reviżorja tat-Tribunal skont l-artikolu 3, 9, u 11 tal-Kap. 551, u fejn it-Tribunal għandu jipprovdi alternattiva għal *policy* li l-Awtorità tkun skorrettement applikat skont l-artikolu 2 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Ir-ritrattand qal li l-ilment tiegħu huwa bbażat ukoll fuq l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, u sostna li s-sentenza in kwistjoni hija l-effett ta' żball, billi l-Qorti tal-Appell saħqet illi DC15 daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru, 2015. Qal li skont

il-liġi li tirregola kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-ippjanar, jiġifieri l-Kap. 552, il-*policy* DC15 qatt ma tista' titqies li daħlet fis-seħħ, u dan għaliex l-Att prinċipali jgħidlek eżattament x'irid jiġri biex *policy* tiġi mħejjija u kif trid tiġi approvat. Qal li i-*policy* DC15 m'għaddietx minn din il-proċedura, u ma ġietx approvata skont dak li trid il-liġi, u ma nġabet l-ebda prova li tikkontradixxi dan il-fatt stabbilit. Ir-ritrattand qal li huwa prinċipju stabbilit li l-Awtorità tista' biss tinvoka u tapplika liġijiet, pjanijiet jew *policies* li jkunu viġenti, u m'għandha ebda jedd tagħmel mod ieħor. Għalhekk jekk it-Tribunal *"m'għandu ebda setgħa jordna jew jidderieġi lill-Awtorità tiddeċiedi mod ieħor",* jiġifieri li tapplika *policies* li ma daħlux fis-seħħ kif titlob il-liġi, tant ieħor għandu obbligu t-Tribunal li ma jippermettix lill-Awtorità timxi bil-kontra. Qal li liġijiet, pjanijiet jew *policies* li ma daħlux fis-seħħ kif espressament tipprovdi l-liġi, ma jistgħux jitqiesu li huma 'viġenti'. Ir-ritrattand saħaq li l-Qorti jidher li bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq żball perċepibbli, u hija faċilment kontradetta bil-provi u mill-atti li l-*policy* DC15 hija fis-seħħ, meta ma hemm assolutament xejn fil-liġijiet tal-ippjanar li jipprovdi kif u meta *policy* tiġi fis-seħħ, għajr għall-proċedura maħsuba fil-Kap. 552. Qal li fl-aħħar mill-aħħar, m'hemm l-ebda liġi tal-ippjanar li tistipula li *policy* hija meqjusa li ġiet fis-seħħ kif issir mera dikjarazzjoni arbitrarja mill-Awtorità tal-Ippjanar, bħal meta tiġi ppubblikata ċirkolari mill-Awtorità.

13. Ir-ritrattand qal li hemm lok għal stħarriġ ukoll taħt l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, u dan għaliex il-Qorti tal-Appell ikkontradixxiet lilha nfisha meta qalet li t-Tribunal *'ma għandu ebda setgħa li jirrevedi mhux id-deċiżjoni iżda l-validità tal-istess policy',* u fl-istess nifs ikkonkludiet li l-kliem *'żball ta' liġi'* imsemmi fl-artikolu 11 tal-Kap. 552, li ġew enfasizzati mill-appellant, huma maħsuba biex

jagħmlu riferiment għal żball ta' applikazzjoni ta' liġi flok oħra applikabbli għall-każ, jew għal interpretazzjoni assurda u/jew li tmur kontra l-kelma espressa tal-liġi, u mhux fejn qed tiġi attakkata l-validità ta' liġi għal kwalsiasi raġuni. Ir-ritrattand qal li dak li ntalab jirrevedi t-Tribunal skont l-appell interpost minnu, kienet proprju l-bażi tad-deċiżjoni tal-Awtorità ritrattata, ossia l-applikazzjoni tal-*policy* DC15 minflok il-pjan lokali relattiv, li kuntrarjament għall-imsemmija *policy* DC15, ġie fis-seħħ skont il-proċedura kkontemplata fil-Kap. 504. Ir-ritrattand qal li jekk il-Qorti tal-Appell irrikonoxxiet li t-Tribunal għandu s-setgħa jqis jekk *policy* kellhex tiġi applikata flok oħra, hija ma setgħetx tiddeċiedi li dan l-eżerċizzju huwa eskluż fejn dak li jrendi *policy* applikabbli jew le, jirriżulta mill-fatt li dik il-*policy* mhijiex applikabbli propju għaliex mhijiex viġenti fil-mument li ġiet ikkunsidrata l-applikazzjoni. Qal li huwa jisħaq dwar dan, għaliex il-liġi imkien ma teskludi l-kompetenza tat-Tribunal meta si tratta ta' kwistjonijiet ta' din in-natura.

**<u>Ir-Risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar</u>**

14. Fir-risposta tagħha, ir-ritrattata Awtorità tal-Ippjanar wieġbet li kemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar ippubblikata fil-15 ta' Settembru, 2021, u anki d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-31 ta' Jannar, 2023, kienu t-tnejn tajbin, hekk kif kienet tajba wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Lulju, 2023. Qalet li huwa evidenti li f'din l-istanza, ir-ritrattand qiegħed jittenta jintavola appell minn appell, billi jinvoka waħda mir-raġunijiet ikkontemplati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12.

15. B'riferiment għat-talba tar-ritrattand taħt l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, l-Awtorità ritrattata qalet li l-parametri ta' dritt taħt dan l-artikolu dejjem ġew

interpretati strettament, u d-dritt għal ritrattazzjoni fejn ikun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, bl-ebda mod ma jinkorpora fih xi dritt imwieled minn nuqqas ta’ qbil ma’ interpretazzjoni tal-liġi. Kompliet tgħid li mhux kull nuqqas ta’ qbil mal-liġi applikata, iġib miegħu d-dritt għal ritrattazzjoni, u fi kwalunkwe każ għandu jintwera li l-Qorti fis-sentenza impunjata, tkun applikat il-liġi ħażina għall-każ, u mhux li din tkun applikat il-liġi t-tajba b’mod ħażin. L-Awtorità ritrattata qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni r-ritrattand qiegħed jgħid li kien hemm liġi li kellha tiġi applikata minflok oħra. Qalet li r-ritrattand qiegħed jippretendi li l-Qorti tal-Appell tiddikjara l-invalidità tad-DC15 f’appell minn permess, u huwa kemmxejn imġebbed li jingħad li peress li l-artikolu 9(3) jgħid li t-Tribunal irid japplika l-liġi applikabbli, dan ifisser li t-Tribunal irid jeżamina l-proċedura kollha kif għaddiet il-liġi sabiex jara jekk din hijiex valida, u ċjoé hijiex liġi applikabbli. Qalet li skont ir-ritrattand, it-Tribunal u warajh il-Qorti kellhom jieħdu l-post ta’ Qorti li tissindaka l-liġijiet, u jippronunzjaw ruħhom dwar kwistjoni amministrattiva li tmur ferm lil hinn mill-kwistjoni tal-permess quddiemha. L-Awtorità ritrattata qalet li l-poteri tal-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 50 tal-Kap. 551 huma dawk li huma, limitati ferm, u fil-każ odjern, għandu jirriżulta li l-Qorti tal-Appell qagħdet korrettement mal-mansjoni tagħhom skont il-liġi, u ma marritx lil hinn kif ippretendieha tagħmel ir-ritrattand. L-Awtorità ritrattata qalet ukoll li lil hinn minn dan il-punt, imkien fit-talba għar-ritrattazzjoni ma hemm traċċa ta’ liġi li ġiet applikata, u li minflokha kellha tiġi applikata liġi oħra.

16. B’riferiment għat-talba tar-ritrattand taħt is-sub-inċiż 811(l) tal-Kap. 12, fejn hemm stipulat li r-ritrattazzjoni tista’ tintalab f’każ li s-sentenza kienet l-

effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, l-Awtorità ritrattata qalet li jitqies li jkun hemm dan l-iżball f'każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu tkun ġiet eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li l-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. L-Awtorità ritrattata qalet li bħala prinċipju, huwa diffiċli ferm li sentenza tal-Qorti tal-Appell f'appell minn deċiżjoni tat-Tribunal, qatt tista' tiġi ritrattata taħt l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, u dan għaliex quddiem il-Qorti tal-Appell jistgħu jsiru biss appelli fuq punti ta' liġi. L-Awtorità ritrattata qalet li huwa ferm diffiċli li wieħed jimmaġina ċirkostanzi fejn fatt f'appell dwar punt ta' liġi jista' qatt jagħti lok għal ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Qalet li wieħed ma jistax jinsa li huwa kważi impossibbli illi f'sentenza ta' qorti illi tikkunsidra biss punt ta' liġi, jista' jkun hemm suppożizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, kif irid il-*proviso* tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12. L-Awtorità ritrattata qalet li wieħed jista' jimmaġina biss li l-Qorti tal-Appell tibni argument legali fuq il-fatt li ma hemmx permess, meta fil-fatt permess ikun hemm, jew meta l-Qorti tal-Appell titkellem dwar ħames sulari meta l-fatti juru li f'dak propost hemm erbgħa, u minħabba f'hekk l-interpretazzjoni legali tkun ħażina. Qalet li mill-bqija, l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hija verament diffiċli f'każijiet bħal dawn. L-Awtorità ritrattata kompliet tgħid illi li kieku wieħed kellu jara x'jgħid ir-ritrattand dwar dan is-subinċiż, u kif japplika f'dan il-każ, ir-ritrattand jgħid li l-Qorti tal-Appell ħadet żball għaliex ma applikatx il-*policy* viġenti. L-Awtorità ritrattata qalet li lil hinn mill-fatt li l-kelma *'viġenti'* titkellem dwar it-tempistika ta' *policy* u mhux dwar il-validità legali tagħha, l-opinjoni tar-ritrattand hija li nġieb 'xi fatt' li l-*policy* mhijiex viġenti, u li allura l-Qorti tal-

Appell ħadet żball meta ma ddeċidietx jekk din il-*policy* hijiex viġenti jew le. L-Awtorità ritrattata qalet li fil-każ odjern il-Qorti tal-Appell lanqas biss daħlet fil-punt dwar jekk il-*policy* hijiex valida jew le, għaliex mhux kompitu tagħha li tagħmel dan, u dan minnu nnifsu jeskludi żball ta' fatt li l-Qorti tal-Appell lanqas biss ikkunsidrat, għaliex legalment ma tistax tqis dak l-ilment. L-Awtorità ritrattata qalet li ladarba l-Qorti tal-Appell ma ssoffermatx ruħha dwar il-validità legali jew le tal-*policy* DC15, huwa prattikament impossibbli li jingħad li dik l-istess Qorti ħadet żball fil-konsiderazzjoni ta' fatt li lanqas biss ikkunsidrat.

17. B'riferiment għat-talba taħt l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, L-Awtorità ritrattata qalet li hija ma tistax tifhem fejn jinsabu d-dispożizzjonijiet kontra xulxin f'din is-sentenza. Żiedet tgħid li l-parti dispożittiva tas-sentenza hija waħda sempliċi u skjetta, u għalhekk m'hemm l-ebda dispożizzjonijiet kuntrarji jew xi ġudikat inċert, u għalhekk anki fir-rigward ta' dan il-kap, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha tiġi miċħuda.

**<u>Ir-Risposta ta' MGF Limited</u>**

18. Ir-ritrattata MGF Limited qalet li huwa evidenti li r-ritrattand essenzjalment mhux qiegħed jgħid li ġiet applikata liġi ħażina, iżda li l-Qorti tal-Appell naqset milli tikkunsidra liġi oħra li r-ritrattand deherlu li hija applikabbli. Qalet li dan l-argument ma jistax ireġi għaliex mhuwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Appell li teżamina jekk *policy* partikolari li ġiet applikata għal dak il-każ, ġietx ippromulgata b'mod validu jew le. Is-soċjetà ritrattata qalet li l-Qorti tal-Appell m'applikat l-ebda liġi ħażina, u ċertament li dan ma jistax jingħad għax il-Qorti ma qablitx mal-argument tar-ritrattand li ppretenda li l-Qorti tal-Appell

tiddikjara l-invalidità ta' *policy* waqt appell minn permess. Is-soċjetà ritrattata qalet li meta wieħed jikkunsidra x'inhu dak li qiegħed jintalab fil-parametri tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, ma jirriżultax li hemm xi liġi li ġiet applikata minflok oħra. Imma l-argument li sar, imur lil hinn minn dak li jitlob l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, u għalhekk dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

19. Is-soċjetà ritrattata qalet ukoll li fir-rigward tal-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Appell Superjuri kienet esprimiet ruħha dwar x'għandu jiġi meqjus mill-ġudikant meta jikkunsidra talba għar-ritrattazzjoni taħt dan l-artikolu partikolari. Qalet li hija ma tistax tifhem kif u fejn hemm partijiet fid-dispożittiv tas-sentenza li huma kunfliġġenti jew li jmorru kontra xulxin, u l-Qorti tal-Appell kellha kull dritt li tagħmel il-konsiderazzjonijiet kollha li dehrilha li kellha tagħmel, imma fil-parti tad-*decide* ma jirriżultax li kien hemm xi kunflitt fil-ħsieb tal-Qorti jew dwar dak li kienet qiegħda tiddeċiedi fuqu, anzi pjuttost il-Qorti tal-Appell kienet ċara ħafna fid-deċiżjoni tagħha.

20. B'riferiment għat-talba taħt l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, is-soċjetà ritrattata qalet li hija ma tistax tifhem fejn kien l-iżball. Qalet li r-ritrattand jargumenta li l-Qorti tal-Appell ħadet żball għaliex skont hu applikat *policy* li ma kinitx valida, u jibqa' l-fatt li r-ritrattand qiegħed jattakka l-validità ta' *policy* u qiegħed jippretendi li l-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullità ta' *policy* fi proċeduri ta' appell minn permess li nħareġ mill-Awtorità ritrattata. Is-soċjetà ritrattata qalet li l-Qorti tal-Appell ma ħadet l-ebda żball meta ma daħlitx fil-punt dwar jekk *policy* hijiex waħda valida jew le, għaliex ma kienx kompitu tagħha li tagħmel dan. Is-soċjetà ritrattata qalet ukoll li l-Qorti tal-Appell qagħdet tispjega kif ir-ritrattand seta', jekk irid, jattakka l-validità ta' *policy,* li fl-ambitu tal-

ippjanar għandha s-saħħa ta' liġi, u dan seta' jsir permezz ta' azzjoni *ad hoc* kontra l-Istat *ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Is-soċjetà ritrattata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li m'hemm ebda żball ta' fatt, la wieħed materjali u lanqas wieħed li jirriżulta mill-atti, kif qiegħed jimplika r-ritrattand. Is-soċjetà ritrattata qalet li r-rikors għar-ritrattazzjoni m'huwa xejn għajr tentattiv tar-ritrattand sabiex itawwal dawn il-proċeduri inutilment, għaliex huwa ma jistax jaċċetta li nħareġ il-permess mertu tal-appell, u qiegħed jagħmel dak kollu possibbli biex bl-għodda li tagħti l-liġi stess, ixekkilha milli tkun tista' tibda x-xogħol skont il-permess maħruġ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talbiet imressqa mir-ritrattand fir-rikors tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mir-ritrattati. Ir-ritrattand isostni illi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Lulju, 2023, hemm lok għal ritrattazzjoni abbażi tal-artikolu 811(e), (i), u (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan wara li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha sabet li mhuwiex kompitu tat-Tribunal li jistħarreġ dwar jekk *policy* partikolari li qiegħda tiġi mħaddma mill-Awtorità tal-Ippjanar, daħlitx fis-seħħ b'mod validu jew le.

*L-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12:*

22. Ir-ritrattand jgħid li hemm lok fejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Lulju, 2023, tiġi ritrattata taħt l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, u dan għaliex fil-

fehma tiegħu, il-Qorti tal-Appell naqset milli tikkunsidra u tapplika kemm l-artikolu 9(f) tal-Kap. 551, kif ukoll l-artikolu 2 tal-Kap. 552. Jgħid ukoll li l-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda spjegazzjoni għad-deċiżjoni tagħha li r-raba' aggravju mressaq mill-appellant, ir-ritrattand f'din l-istanza, ma jistax jiġi kkunsidrat minnha. Qal li l-Qorti tal-Appell timplika li lanqas it-Tribunal ma kellu s-setgħa jikkunsidra l-aggravju tiegħu, minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 11(3) tal-Kap. 551. Ir-ritrattand qal li huwa qiegħed jgħid biss li l-Awtorità tal-Ippjanar applikat b'mod żbaljat il-*policy* DC15 minflok il-pjanijiet lokali u l-*policy* DC07, u la t-Tribunal u lanqas il-Qorti tal-Appell warajha ma qiesu li d-DC15 ma tistax tiġi kkunsidrata bħala *policy ai termini* tal-liġi.

23. Il-Qorti tirrileva li skont l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, kawża tista' tiġi ritrattata:

> "(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;"

24. Hawn il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju, 1994, fil-kawża fl-ismijiet **Reginald Micallef et noe *vs.* Godwin Abela et noe**, fir-rigward tal-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu:

> *"... biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu vvalutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat dispożizzjoni tal-liġi flok dispożizzjoni oħra li kellha*

*propjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq l-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin." (ara* ***AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** *App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru, 2001, fl-ismijiet* ***Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D*** *App. 27/3/2003;* ***Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri*** *App. 2/6/2003; u* ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et*** *App. 10/10/2003)."*

25. Ir-ritrattand qiegħed isostni li l-Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażin, għaliex hija kellha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi li fihom il-*policy* DC15 daħlet fis-seħħ u bdiet tiġi applikata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Qal li fil-każ odjern kienu l-pjan lokali u l-*policy* DC07 li kellhom jiġu applikati sabiex ikun jista' jsir stħarriġ dwar l-applikazzjoni għall-permess mitlub, u ladarba l-*policy* DC15 ma daħlitx fis-seħħ b'mod regolari, għaliex skont hu kien hemm mankanzi proċedurali fil-mod kif saret, il-Qorti tal-Appell kellha tagħtih raġun fis-sottomissjoni tiegħu li t-Tribunal kellu l-obbligu jistħarreġ jekk il-*policy* mħaddma ġietx ippromulgata kif trid il-liġi, u dan l-obbligu joħroġ minn għadd ta' liġijiet li jirregolaw il-kompetenzi tat-Tribunal.

26. Il-Qorti tqis li r-ritrattand m'għandux raġun fit-talba tiegħu għal ritrattazzjoni taħt dan is-sub-inċiż tal-liġi partikolari. Fl-ewwel lok irid jingħad li l-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li jekk ir-ritrattand irid jikkontesta l-validità ta' *policy* li daħlet fis-seħħ, liema *policy* għandha s-saħħa ta' liġi għall-finijiet tal-ippjanar, dan jista' jagħmlu permezz ta' kawża *ad hoc ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti tal-Appell kienet kategorika fid-deċiżjoni tagħha li t-Tribunal kien korrett meta ma daħalx fil-kwistjoni dwar jekk il-*policy*

in kwistjoni kellhiex titqies li hija valida jew le. B'hekk il-Qorti tal-Appell kienet qiegħda tistabbilixxi li l-kompetenzi tat-Tribunal kif elenkati fil-Kap. 551 u 552 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jestendux għal sitwazzjoni fejn dan jista' jistħarreġ il-mod kif tkun ġiet ippromulgata *policy* li tkun ġiet applikata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-argumentazzjoni tar-ritrattand li fil-każ odjern kellha tiġi applikata l-*policy* DC07 jew il-pjan lokali, u dan għaliex qieset li l-*policy* DC15 kienet il-*policy* li kellha tiġi applikata għaċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment meta l-unika lanjanza mqajma mir-ritrattand għalfejn din il-*policy* ma kellhiex tiġi applikata kienet li l-mod kif din il-*policy* daħlet fis-seħħ, ma kienx jirrispekkja r-rewkiżiti proċedurali stipulati fil-liġi. Għal din il-lanjanza, il-Qorti tal-Appell spjegat li hemm rimedju *ad hoc,* u din il-Qorti ma tarax li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm lok li tqis li l-Qorti tal-Appell applikat xi liġi ħażina. Għaldaqstant it-talba tar-ritrattand taħt l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 mhijiex ġustifikata, u tiċħadha.

*L-artikolu 811 (i) tal-Kap. 12:*

27. Ir-ritrattand jgħid ukoll li fil-każ odjern hemm lok għal ritrattazzjoni abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, li jgħid li hemm lok ta' ritrattazzjoni fejn fis-sentenza jkun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin. Qal li l-Qorti tal-Appell kienet kontradittorja meta qalet li t-Tribunal m'għandu l-ebda setgħa jirrevedi l-validità tal-*policy,* u fl-istess waqt ikkonkludiet ukoll li l-kelmiet *'żball ta' liġi'* msemmija fl-artikolu 11 tal-Kap. 551, huma intiżi għal fejn żball ta' applikazzjoni ta' liġi minflok oħra applikabbli għall-każ, jew interpretazzjoni

assurda u/jew li tmur kontra l-kelma espressa tal-liġi, u mhux fejn qiegħda tiġi attakkata l-validità ta' liġi.

28. Il-Qorti tirrileva li dak li qalet il-Qorti tal-Appell kien li t-Tribunal m'għandu l-ebda setgħa jirrevedi l-validità ta' *policy.* Qalet ukoll li l-artikolu 11(3) tal-Kap. 551 jipprovdi għal sitwazzjoni fejn *'żball ta' liġi'* qiegħed jirreferi għall-applikazzjoni ta' liġi minflok oħra applikabbli għall-każ. Il-punt tat-tluq fl-argumentazzjoni tar-ritrattand, sa mit-tressiq tal-ewwel lanjanzi tiegħu quddiem it-Tribunal, ma kienx li f'dan il-każ kellu japplika l-pjan lokali jew xi *policy* oħra, iżda li l-*policy* DC15 m'għandhiex titqies bħala *policy* valida minħabba fil-mod kif ġiet ippromulgata. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tarax fejn fis-sentenza impenjata tinsab l-kontradizzjoni kkontemplata fl-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, u għalhekk qiegħda tiċħad it-talba tar-ritrattand abbażi ta' din il-kawżali.

*L-artikolu 811(l) tal-Kap. 12:*

29. L-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 jipprovdi għal sitwazzjoni fejn talba għal ritrattazzjoni għandha tiġi milqugħha meta sentenza tkun effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Ir-ritrattand isostni li l-Qorti tal-Appell qieset li l-*policy* DC15 daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru, 2015, imma huwa jikkontendi li l-*policy* DC15 ma tistax titqies li daħlet fis-seħħ. Qal li l-Awtorità tista' biss tinvoka u tapplika liġijiet, pjanijiet u *policies* viġenti, u m'għandha l-ebda jedd tagħmel mod ieħor. Ir-ritrattand qal li din il-*policy* daħlet fis-seħħ bis-saħħa tal-applikazzjoni ta' ċirkolari tal-Awtorità tal-Ippjanar, u għalhekk mingħajr ma kienet osservata l-proċedura kkontemplata fl-istess Kap. 552.

30. Il-Qorti ttenni li l-Qorti tal-Appell kellha raġun tidderieġi lir-ritrattand għall-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jekk irid jikkontesta l-validità tal-*policy* DC15. Il-linja argumentattiva tar-ritrattand bl-ebda mod ma tista' titqies li taqa' taħt dak li jikkontempla l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, li huwa marbut ma' żball ta' fatt aktar milli ma' żball fil-liġi jew fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni ta' liġi. Anki hawnhekk il-Qorti tqis li t-talba tar-ritrattand għandha tiġi miċħuda.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi t-talbiet tar-ritrattand, billi tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandha tkun a karigu tar-ritrattand.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**